# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2020**

**Numru 1**

**Rikors numru 28/07 MH**

**AIC Joseph Barbara, Joseph mart Raymond Azzopardi proprio kif ukoll bhala prokuratur tal-imsiefra Anna Maria Saddemi mart Salvatore Saddemi, Patricia mart David Anastasi, u Greta mart Anthony Bartolo Parnis u b'digriet tal-14 ta' Ottubru 2016 l-atti gew legittimati f'isem Josephine Azzopardi**

**v.**

**Rita Caligari u b'digriet tat-28 ta' Novembru 2014 gie msejjah fil-kawza l-Avukat Generali; illum Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-appell ta' Josephine Azzopardi tal-4 ta' Dicembru 2019 mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tal-25 ta' Novembru 2019 permezz ta' liema qed titlob lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata limitatament safejn ikkundannat lill-Avukat tal-Istat sabiex ihallasha s-somma ta' ghoxrin elf ewro

(€20,000) bhala kumpsens ghal danni morali sofferti minnha u dana billi tillikwida dik is-somma aktar idonea favur taghha, inkluz danni pekunarji, u tikkonfermaha fil-bqija taghha;

2. Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali tal-Avukat tal-Istat tad-9 ta' Dicembru 2019 permezz ta' liema ssottometta illi l-appell ta' Josephine Azzopardi ghandu jigi michud filwaqt illi talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'kollox hlief dik il-parti fejn l-Avukat tal-Istat gie ordnat ihallas is-somma ta' €20,000 u minflok ma taghti l-ebda kumpens jew inkella taghti kumpens inqas minn dak moghti fis-sentenza appellata, bl-ispejjez kollha kontra Josephine Azzopardi;

3. Rat ir-risposta ta' Josephine Azzopardi tal-20 ta' Jannar 2020 ghall-appell incidentali tal-Avukat tal-Istat permezz ta' liema talbet sabiex l-appell incidentali tal-Avukat tal-Istat jigi michud;

4. Rat in-nota ta' Rita Caligari tal-11 ta' Frar 2020 permezz ta' liema assocjat ruhha mal-appell tal-Avukat tal-Istat fl-aggravji minnu mqajma;

5. Rat l-atti kollha tal-kawza;

6. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tal-25 ta' Novembru 2019.

**Ikkonsidrat;**

7. **L-Ewwel aggravju tal-appell incidentali tal-Avukat tal-Istat**

Peress illi permezz tal-ewwel aggravju tal-appell incidentali tieghu l-Avukat tal-Istat qieghed isostni illi l-ewwel Qorti ma kellhiex setgha illi takkorda danni lir-rikorrenti, u peress illi l-appell tar-rikorrenti jittratta dwar il-*quantum* tad-danni akkordati lilha mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tqis illi jkun utli li l-ewwel aggravju li jigi trattat huwa proprju dan peress illi jekk jirrizulta illi huwa fondat il-konsegwenza tal-ilqugh tieghu tkun illi l-appell ta' Azzopardi ma jkunx jista' jigi milqugh.

8. L-Avukat tal-Istat qieghed jissottometti illi l-ewwel Qorti ma setghat takkorda l-ebda *quantum* ta' danni lir-rikorrenti ghaliex hija ma gietx mitluba tistharreg jekk l-Istat ta' Malta kasbarx il-jedd ta' proprjeta` tar-rikorrenti izda kellha biss tistharreg is-siwi konvenzjonali tal-Artikolu 12A invokat mill-intimat Caligari fl-eccezzjonijiet taghha u tieqaf hemm. Skont l-Avukat tal-Istat, jekk ir-rikorrenti jidhrilha li l-Istat kasbrilha xi jedd fundamentali taghha minhabba xi ligi mghoddija minnu, allura hija ghandha kull jedd illi tressaq azzjoni kostituzzjonali/konvenzjonali kontra l-Istat separatament.

9. Min-naha taghha r-rikorrenti tirribatti illi l-argument tal-Avukat tal-Istat huwa fondat fuq il-principju illi l-Qrati ma jistghux jaghtu decizjonijiet li jmorru *ultra* jew *extra petita,* izda dan mhuwiex applikabbli fil-kaz odjern fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni. Hija ssostni illi l-proceduri li fihom inghatat is-sentenza appellata ma kinux procedura ta' referenza *sic et sempliciter* peress illi ladarba illi l-Prim'Awla tal-Qorti ma taghmilx referenzi izda minflok tikkonverti ruhha ghas-sede kostituzzjonali taghha u li mhuwiex logiku l-argument li l-ewwel Qorti setghat tiddikjara artikolu mhux applikabbli imma ma setghatx tordna rimedji ohra li fil-fehma taghha kienu xierqa sabiex jespurgaw il-lezjoni sofferta minnha.

10. Ghal finijiet ta' kjarezza huwa utli li jigi riportat in succint il-mod kif svolgew il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti:

-Permezz ta' rikors guramentat datat 11 ta' Jannar 2007 prezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, ir-rikorrenti talbet l-izgumbrament tal-intimata Rita Caligari bid-dispensa tas-smigh mill-fond li hija kienet qed tokkupa li huwa proprjeta` tar-rikorrenti;

-It-talba ghad-dispensa tas-smigh tar-rikorrenti giet michuda permezz ta' provvediment datat 30 ta' Ottubru 2007 u l-intimata Caligari ghaddiet sabiex tressaq risposta guramentata permezz ta' liema eccepiet illi hija

ghandha titolu fuq il-fond inkwistjoni ai termini tal-Artikolu 12A tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta;

-Il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti kienu gie differti *sine die* fuq talba tar-rikorrenti sabiex jistennew l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali intavolata mir-rikorrenti fl-ismijiet **AIC Joseph Barbara et v. L-Onor. Prim' Ministru et** (Rik. 65/2007) u kienu regghu gew appuntati ghas-smigh ghat-13 ta' Ottubru 2014;

-Permezz ta' rikors datat 21 ta' Gunju 2014 ir-rikorrenti premettiet illi fil-kawza kien "… jehtieg illi tigi deciza materja ta' natura kostituzzjonali fis-sens li, anke fir-rigward tal-appartament '*de quo*' li huwa pressokke' identiku ghal dawk mertu tal-kawza surreferita, l-Art. 12A tal-Kap. 158 ghandu jigi kkunsidrat bhala leziv tad-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom" u talbet is-sejha fil-kawza tal-Avukat tal-Istat, gia Avukat Generali, u l-hatra ta' perit tekniku sabiex jaghmel stima tal-valur lokatizju tal-fond inkwistjoni. L-intimata Caligari oggezzjonat ghal dawn it-talbiet permezz ta' risposta datata 19 ta' Novembru 2014;

-L-Avukat tal-Istat gia Avukat Generali kien gie msejjah fil-kawza permezz ta' digriet datat 28 ta' Novembru 2014 peress illi l-Qorti hasset illi l-prezenza tieghu kienet mehtiega fil-kawza ga ladarba ir-rikorrenti kienet qed timpunja ligi;

-L-Avukat tal-Istat gia Avukat Generali prezenta ir-risposta guramentata tieghu fil-5 ta' Jannar 2015 filwaqt illi l-intimata Caligari prezentat risposta

ulterjuri fuq il-materja kostituzzjonali imqanqla (mhux konfermata bil-gurament) fl-10 ta' Marzu 2015;

-F'nota ta' sottomissjonijiet prezentata mir-rikorrenti fit-23 ta' Awwissu 2017, ir-rikorrenti talbet lill-ewwel Qorti sabiex tikkonverti ruhha fis-Sede taghha Kostituzzjonali sabiex tiddeciedi l-materja kostituzzjonali/konvenzjonali mqanqla minnha;

-Fil-25 ta' Novembru 2019 l-ewwel Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha tat is-sentenza appellata fejn, *inter alia,* iddikjarat illi r-rikorrenti soffriet ksur tad-drittijiet taghha kif protetti bl-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u akkordat danni morali fis-somma ta' €20,000.

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

11. Il-lanjanza tal-Avukat Generali in succint hija illi meta l-Prim'Awla tal-Qorti Civili tikkonverti ruhha fis-sede Kostituzzjonali taghha sabiex tiddetermina ilment ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali li jkun tqajjem fil-mori ta' kawza ordinarja din il-procedura hija ekwivalenti ghal procedura ta' referenza kostituzzjonali/konvenzjonali u ghalhekk m'huwiex possibbli illi jigi llikwidat xi kumpens ghall-lezjoni tad-drittijiet fis-sentenza. Ir-rikorrenti min-naha taghha hija tal-fehma illi l-proceduri ta' referenza u ta' konverzjoni huma nettament distinti u ghalhekk fi proceduri ta' konverzjoni huwa possibbli ghal qorti illi takkorda kumpens ghall-lezjoni ta' drittijiet fundamentali illi tkun sabet ghaliex il-ligi taghtiha s-setgha illi taghti kwalunwke rimedju li thoss li huwa xieraq.

12. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi huwa car illi l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea m'humiex applikabbli ghad-determinazzjoni tal-aggravju odjern peress illi dawn espressament u kjarament jeskludu l-applikabbilita` taghhom fir-rigward tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili billi jipprovdu ghall-possibbilita` li ssir referenza kostituzzjonali jew konvenzjonali meta tqum xi kwistjoni dwar ksur ta' drittijiet fundamentali sanciti fil-kostituzzjoni/konvenzjoni "… f'xi procedimenti f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili" [sottolinear ta' din il-Qorti]. Fir-rigward tas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Massa et v. Id-Direttur ghal-Akkomodazzjoni Socjali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' April 2012 li ghaliha jaghmel referenza l-Avukat tal-Istat in sostenn tal-argumenti tieghu, il-Qorti tqis illi l-bran citat minnu m'huwiex applikabbli ghall-kaz odjern. Kif jidher mill-*footnote* numru 2, dik il-kawza kienet pjuttost partikolari peress illi ghalkemm il-kawza ordinarja kienet infethet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, meta qamet il-kwistjoni kostituzzjonali l-Qorti kienet ghal xi raguni ghamlet referenza kostituzzjonali ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk il-bran citat mill-Avukat tal-Istat irid jitqies fil-kuntest ta' proceduri ta' referenza ghaliex dawk kienu proprju l-proceduri fejn kienet inghatat is-sentenza appellata. Tant hu hekk illi l-qorti li ddeċidiet l-appell kienet il-Qorti Kostituzzjonali. Li kieku s-sentenza appellata kienet inghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif konvertita fis-sede Kostituzzjonali taghha, il-qorti kompetenti sabiex tiddetermina l-appell

kienet tkun il-Qorti tal-Appell Civili ai termini tal-Artikolu 34 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

13. Detto dan, il-Qorti xorta wahda ma tqisx illi kien legalment possibili ghall-ewwel Qorti illi tillikwida kumpens ghal ksur ta' drittijiet fundamentali allegatament soffert mir-rikorrenti. Huwa principju kardinali illi s-sentenzi tal-Qorti ghandhom ikunu arginati fil-kawzali mressqa mill-partijiet u ghandhom isolvu strettament il-kwezit li jkun inqala' bejn il-partijiet. Ghalhekk, sabiex jigi determinat ezattament x'setghat tiddeciedi l-Qorti ghandu jigi ezaminat x'kien il-kwezit illi l-ewwel Qorti kienet kjamata biex issolvi.

14. Il-proceduri odjerni bdew originarjament bhala proceduri civili ordinarji permezz ta' liema ir-rikorrenti kienet qed titlob l-izgumbrament tal-intimata li min-naha taghha iccitat l-Artikolu 12A tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tiddefendi ruhha mill-pretensjonijiet tar-rikorrenti. Skont ir-rikorrenti pero` l-uzu ta' dan l-artikolu bhala bazi ghad-detenzjoni kontwinata mill-intimata tal-proprjeta` tar-rikorrenti kien ikun leziv tad-drittijiet taghha, u kien ghalhekk illi l-ewwel Qorti kkonvertiet ruhha fis-sede Kostituzzjonali taghha. Fi kliem iehor, il-kwezit li l-ewwel Qorti kellha ssolvi ma kienx dwar jekk ir-rikorrenti kinitx diga soffriet lezjoni tad-drittijiet taghha fiz-zmien ta' qabel l-intavolar tar-rikors guramentat taghha, izda kien biss dwar jekk l-uzu tal-artikolu msemmi a favur tal-intimata f'dik il-

kawza sabiex ma tigix zgumbrata kienx konsonanti mad-drittijiet konvenzjonali tar-rikorrenti. Ghalhekk, il-ghan tal-konverzjoni u d-decizjoni tal-ewwel Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha kien, similiment bhal fil-kaz ta' referenza kostituzzjonali/konvenzjonali, il-prevenzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali. Naturalment, kif gie sottomess mill-Avukat tal-Istat, jekk ir-rikorrenti thoss illi hija kienet diga sfat vittma ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali taghha u jistoqqilha kumpens ghal dan, huwa possibbli ghaliha illi tintavola azzjoni kostituzzjonali/konvenzjonali ghar-rivendika tad-drittijiet taghha. Izda fil-proceduri odjerni, fejn il-pern tal-kwistjoni huwa l-prevenzjoni tal-applikazzjoni favur l-intimata Caligari ta' artikolu leziv tad-drittijiet tar-rikorrenti, ir-rimedju xieraq, u cioe l-hekk imsejjah "*just satisfaction*", huwa proprju n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-artikolu inkwistjoni fil-konfront tal-intimata Caligari u mhux il-kumpens monetarju.

15. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ewwel aggravju tal-appell incidentali tal-Avukat tal-Istat huwa fondat u ghandu jigi milqugh. Ara ukoll fl-istess sens **Joseph Barbara et v. Miriam Vella** (App Sup 27/03/2020), fejn il-Qorti tal-Appell fuq kwistjoni identika ddikjarat l-appell maghmul quddiem il-Qorti Kostituzzjonali iritu billi l-kwistjoni kienet u baqghet wahda civili u l-appell kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell.

16. Peress illi l-appell tar-rikorrenti jittratta dwar il-*quantum* tal-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti, u peress illi din il-Qorti sabet illi l-ewwel Qorti ma kellhiex is-setgha illi tillikwida l-ebda kumpens favur ir-rikorrenti, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tar-rikorrenti.

**Decide**

17. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tar-rikorrenti, tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell incidentali tal-Avukat tal-Istat u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassar u tirrevoka dik il-parti fejn akkordat kumpens ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) filwaqt illi tikkonfermaha fil-bqija taghha.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti filwaqt illi l-ispejjez tal-appell u l-appell incidentali ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb